



Brussell, 14 ta' April 2026
(OR. en)

7795/1/26
REV 1

LIMITE

CORLX 328
CFSP/PESC 466
COEST 254
FIN 484

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-8 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643¹.
- (2) Fit-18 ta' Diċembru 2025 il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet li fihom ikkundanna bil-qawwa l-attakki ibridi reċenti kollha kontra l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.
- (3) L-Unjoni tibqa' soda fil-kundanna tagħha tal-attivitajiet malizzjużi tar-Russja diretti kontra l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha, organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi terzi.
- (4) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li żewġ persuni ġuridiċi jiżdedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2643 tat-8 ta' Ottubru 2024 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja (ĠU L, 2024/2643, 9.10.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2643/oj>).

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643, l-entrati li ġejjin jidiedu taħt l-intestatura “B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi”:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
“18.	Euromore magħrufa wkoll bħala Euroview magħrufa wkoll bħala Euroview Media	Indirizz: Avenue Ariane 5, 1200 Brussels, Belgium Sit web: https://euromore.eu/ , https://euroview.media	Euromore hija pjattaforma tal-media li topera fi ħdan l-arkitettura tal-informazzjoni favur il-Kremlin bħala trażmissjoni tal-media mhux uffiċjali, maħsuba biex tamplifika, tirriċikla, u tilleġittimizza n-narrattivi u d-diżinformazzjoni Russi mmirati lejn udjenzi Ewropej. B'mod rikorrenti, Euromore xxerred kontenut li jisfida l-leġittimità tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u tiġġustifika l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-linja editorjali tagħha tikkonverġi b'mod konsistenti ma' punti ta' diskussjoni promossi mill-Kremlin, b'mod partikolari fir-rigward tal-allegata responsabbiltà tan-NATO u tal-Unjoni fil-kunflitt fl-Ukrajna u d-delegittimizzazzjoni tal-awtoritajiet Ukreni.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' publikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Il-pjattaforma tospita regolarment kontributori magħrufin għat-tixrid min-naħa tagħhom ta' narrattivi mmexxija mill-komplott jew diżinformazzjoni, u b'hekk tagħti lil dawk il-kontributori l-possibbiltà li jżommu l-viżibbiltà pubblika u jkomplu l-attivitajiet ta' influwenza tagħhom. Is-sit web ta' Euromore jidher li tnaddaf u fih biss artiklu li jilmenta dwar is-sanzjonijiet tal-Punent immirati lejn il-media ta' propaganda. Madankollu, il-URL għadu attiv, minkejja li issa jirreferi għal isem ġdid ta' "Euroview Media: euroview.media", u li jittrażmetti l-kontenut ta' RT u ta' Sputnik.</p> <p>Għaldaqstant, Euromore qed tappoġġa, hija involuta u qed tiffaċilita l-azzjonijiet jew il-politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni jew f'pajjiż terz (l-Ukrajna), permezz tal-involvement, direttament jew indirettament, l-appoġġ u l-faċilitazzjoni tal-użu tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
19.	Il-Fondazzjoni għall-Appoġġ u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Kompatrijotti li Jgħixu Barra mill-Pajjiż (Pravfond) (Bir-Russu: Некоммерческая организация “Фонд поддержки и защиты прав соотечественников, проживающих за рубежом”)	Indirizz: Arbat Street, 55/32, Moscow, 119200, Russian Federation Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russia Data tar-reġistrazzjoni: 21.11.2011 Numru tar-reġistrazzjoni: 1117799023330 Website: www.pravfond.ru	Il-Fondazzjoni għall-Appoġġ u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Kompatrijotti li Jgħixu Barra mill-Pajjiż (Pravfond) tikkostitwixxi strument ewlieni tal-influenza barranija u l-istrateġija ta' propaganda tal-Federazzjoni Russa. Imwaqqfa u ffinanzjata mill-istat Russu, il-Fondazzjoni hija inkorporata bis-sħiħ fl-arkitettura tas-“setgħa ta' persważjoni” tal-Kremlin u topera bħala trażmettitur para-istituzzjonali għal narrattivi uffċjali. Il-kontribut legali u analitiku ta' Pravfond jintuża b'mod sistematiku biex isaħħaħ il-punti ewlenin ta' diskussjoni tal-Kremlin, b'mod partikolari l-allegazzjonijiet ta' “nazifikazzjoni” tal-Ukrajna, l-akkużi ta' "Russofobija" mifruxa, u l-affermazzjonijiet ta' persekuzzjoni sistematika ta' popolazzjonijiet li jtkellmu bir-Russu fi stati ġirien.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Il-Fondazzjoni tgħaddi fondi lil atturi marbuta mill-qrib ma' networks ta' influwenza favur il-Kremlin. Id-Direttur Eżekuttiv ta' Pravfond esprima pubblikament appoġġ għall-President Vladimir Putin u għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. B'mod parallel, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Russu Sergey Lavrov faħħar il-“fidma konsistenti” tal-Fondazzjoni fil-ġlieda kontra l-allegata ksenofobija, in-neo-Naziżmu, u t-tentattivi biex l-istorja tiġi ffalsifikata, u b'hekk ikkonferma l-integrazzjoni diretta ta' Pravfond fl-istrateġija uffiċjali ta' komunikazzjoni u leġittimazzjoni tal-kunflitti tal-Kremlin.</p> <p>Għaldaqstant, Pravfond hija responsabbli għall-implimentazzjoni, l-appoġġ, l-involviment u l-faċilitazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li jdgħajfu jew jheddu s-sovranià u l-istabbiltà fl-Unjoni jew f'pajjiż terz (l-Ukrajna) permezz tal-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment, direttament u indirettament, l-appoġġ u l-faċilitazzjoni tal-użu tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza.</p>	